MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 36/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**Vs**

**Robert Sultana bin Carmel u Carla nee' Cutajar, imwieled fl-20 ta' Frar, 1982 u residenti fil-fond numru 213,**
**Triq Stefnu Zerafa, Marsa, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 121982(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Robert Sultana li gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2009 ghal habta ta' 14:10hrs waqt li kien fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat, Ghawdex:

1) Saq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni NIC 039 b’manjiera traskurata u perikoluza;
2) B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti habat ma’ motorcycle HBD 537 u kkagunalu hsarat b’detriment ghal John Azzopardi miz-Zebbug;
3) Talli kagun ta’ din il-kollizzjoni, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas tat-tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ John Azzopardi u dan skond kif iccertifikat Dr. Marlene Attard mill-Isptar Generali ta’ Ghawdex;
4) Aktar talli waqt li kien hiereg b’vettura NIC 039 minn Triq l-Universitas li hija triq ‘Junction’ ma’ Triq Fortunato Mizzi naqas li jaghti precedenza lil motor cycle HBD 537 li kien fi Triq id-dritta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni li giet riaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tatu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat, il-fatt illi illi huwa ammetta l-akkuzi f’dan l-istadju bikri tal-proceduri, iddispjacieh ghal dan l-incident u kkumpensa lill-vittma tramite l-assikurazzjoni tieghu ghad-danni sofferti minnu. Inoltre l-vittma ddikjara illi huwa fieq ghal kollox u ma ghadu jbati minn l-ebda debilita’ permanenti;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65, l-Artikoli 225, 226 (1) (a), 328 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500) liema multa l-hati qed jigi awtorizzat ihallas f'rati mensili ta' mitt ewro (€100) fi zmien hmistax-il xahar mil-lum bl-ewwel pagament ikun dovut fit-30 ta' Novembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------